MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1202/2010

**Simon Grixti**
**vs**
**Hashem u Frances konjugi Amin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tad-19 ta’ Novembru 2010 fejn intqal hekk:

1. Illi ghal habta ta’ Dicembru tas-sena 2007, ir-rikorrenti gie avvicinat mill-intimati tramite terza persuna, certu Alfred Mallia konoxxenza sia tar-rikorrenti kif ukoll ta’ lintimati sabiex ir-rikorrenti jsellef lill-intimati brevi manu s-somma ta’ hmistax-il elf Euro [€15,000] minhabba illi Hashem Amin kellu xi xoghol urgenti diehel minn barra minn Malta u ma kellux dawn il-flus disponibbli. L-intimat wieghed lir-rikorrenti illi l-flus illi kien qieghed jissellef kien ser ihallashom lura fi zmien granet, mhux aktar minn gimghatejn;

2. Illi wara illi r-rikorrenti sellef lill-intimat is-somma ta' hmistax-il elf Euro [€15,000] f'diversi partiti, ir-rikorrenti baqa' ma thallasx, u kien biss f'Awwissu tas-sena 2008 illi l-intimat Hashem Amin wara diversi interpellazzjonijiet, fil-presenza tar-rikorrenti hareg u iffirma zewg cekkijiet f'isem ir-rikorrenti Simon Grixti sabiex ihallas lura s-somma ta' hmistax-il elef Euro [€15,000] lilu mislufa, u dana in kwantu cekk ta' hdax-il elf Euro [€11,000] illi kellu jissarraf fl-4 ta' Awwissu 2008 [Cekk nru. 4700023498298] u cekk iehor ta' erbat elef Euro [€4,000] illi kellu jissarraf fid-19 ta' Awwissu 2008 [Cekk nru. 4700023498279], kopja ta' liema cekkijiet qed tigi hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. SG1;

3. Illi meta r-rikorrenti ddepozita c-cekk ta' hdax-il elf Euro [€11,000] fil-kont bankarju tieghu, huwa gie infurmat fis-26 ta' Awwissu 2008 mill-HSBC Bank [Malta] plc illi dan l-istess cekk ma kienx gie onorat u dana peress illi kien gie referred to drawer, kopja ta' liema korrispondenza qed tigi hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. SG2. Dan ic-cekk inzamm mill-bank u ma giex ritornat lir-rikorrenti. It-tieni cekk prezentement ghadu fil-pussess tar-rikorrenti u wara illi l-ewwel cekk ta' hdax-il elf Euro kien gie lura referred to drawer, ir-rikorrenti ddecieda illi jzomm it-tieni cekk fil-pussess tieghu ghaliex il-probabbilita kienet illi lanqas dan ic-cekk li kien ghal ammont ferm inqas mill-ewwel wiehed, ma kien ser jissarraf;

4. Illi sussegwentement saru diversi interpellazzjonijiet, permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Lulju 2009, u anki saret laqgha bejn ir-rikorrenti u l-intimat Hashem Amin fil-prezenza ta' konsulent ghar-rikorrenti, certu Johann Baldacchino Romano, sabiex l-istess intimat jersaq ghal-hlas tas-somma ta' hmistax-il elf Euro [€15,000] minnu dovuti minhabba illi ma kienux gew onorati c-cekkijiet tieghu su-riferiti, izda dan nonostante baqa' inadempjenti;

5. Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-intimati in solidum bejniethom jew min minnhom bhala d-debituri tar-rikorrenti Simon Grixti fis-somma ta' hmistax-il elf Euro [€15,000] rapprezentanti self brevi manu maghmul mill-istess rikorrenti lill-intimati;

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf Euro [€15,000] minnhom dovuti;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Lulju 2009 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1689/10 pprezentat kontra l-istess intimati fl-1 ta' Novembru 2010, u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenuti gew notifikati fl-10 ta' Jannar 2011 pero ma pprezentawx risposta, u anqas dehru fil-kawza;

Rat l-atti tal-kawza u hadet konjizzjoni tax-xhieda ta' Simon Grixti dettata quddiem il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-attur ddikjara li ma kellux provi ohra.

**Ikkunsidrat**

L-attur qed jitlob il-hlas lura tas-somma ta' €15,000 li hu kien silef lill-konvenuti brevi manu f'Dicembru 2007. Jirrizulta, u dan anki mix-xiehda tal-istess Simon Grixti, illi l-konvenuti kienu ghaddewlu zewg cheques ghal hlas lura tas-self wiehed ta' €11,000 u wiehed ta' €4,000 kif jirrizulta mid-dokument SG1 esebit fl-atti liema cheques kellhom jissarfu wiehed fl-4 ta' Awwissu 2008 u l-iehor fid-19 ta' Awwissu 2008. L-attur izid fix-xiehda li meta ddepozita l-ewwel cheque ta' €11,000, il-Bank ma onorax il-hlas. Minhabba f'hekk hu lanqas iddepozita t-tieni cheque ghax beza' li anqas dan ma kien ser jissarraf.

Sallum l-attur jikkonferma li ma thallas xejn mill-ammont dovut lilu.

Il-Qorti tqis it-talbiet attrici gustifikati u dan tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenuti lanqas iddefendew ruhhom kontra tali pretensjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum lill-attur is-somma ta’ €15,000 rapprezentanti self brevi manu mghoddi lilhom, bl-ispejjez kollha kif mitluba mill-attur fir-rikors guramentat promotur u bl-imghax legali mid-19 ta’ Novembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------